**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta Jobsplus**

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Mustapha Elkhiate, detentur tal-Karta tal-Identità numru 338299M**

***Kaz. Nru. 3845/24***

Illum, 3 ta' Ġunju, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet bil-lingwa Ingliża miġjuba fil-konfront tal-imputat **Mustapha Elkhiate** u ċioe talli:

> On the 12/04/2023 and previous dates, in the outlet called Cadena situated in Il-Belt, Valletta, you employed: MD Asaduzzaman 195256A, Omissis, Omissis 1 and Musuf Toheeb Olawale without notifying Jobplus;
>
> Furthermore, you employed said MD Asaduzzaman 195256A, Omissis, Omissis 1 and Musuf Toheeb Olawale who are not citizens of Malta, other than such persons were in possession of a single permit or employment licence.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-ispetturi ta' Jobsplus, **Bernard Zarb[1], Therese Zammit[2]** lkoll xehdu kif dakinhar tat-12 t'April, 2023, meta għamlu spezzjoni għall-għarrieda f' Cadena Bar il-Belt, sabu *third country nationals* fl-istabbiliment liema persuni ma kienux liċenzjati biex jaħdmu mal-imsemmi stabbiliment. Asaduzzaman kien impjegat ma Prime Logistics Limited.[3]

Ittieħdu ritratti tad-dokumenti t'identifikazzjoni tal-imsemmija persuni.[4] Riċevuta tal-VAT li nħarġet mill-istabbiliment iġġib in-numru MT2023-4532,[5] liema numru hu reġistrat fuq l-imputat.[6]

Illi l-Qorti qed tiskarta r-rapport ippreżentat minn Zarb ġaladarba dan mhux iffirmat minn Zarb u Zammit.

**MD Asaaduzzaman**[7] xehed li ***"I was on trial** so the experience"*.[8] Il-Qorti tinnota mir-ritratti li l-ispezzjoni saret għall-ħabta tal-4pm, kif tixhed il-*vat receipt*[9] li ntalbet mill-ispetturi fuq il-post.. Ikompli li fil-ħin tal-ispezzjoni hu kien fuq barra tal-istabbiliment iħares kif kien qed isir ix-xogħol biex jara kienx tajjeb għal dak l-impjieg *"I was standing outside and watching other how they work...I was just observing and to see if I am capable for this job or not"*.[10]

**Thomas Barry** minn Identità xehed li Asaaduzzaman kellu permess li jaħdem, fuq bażi full-time ma Prime Logistics Ltd.[11]

---

[1] Fol.4 et seq
[2] Fol.53 et seq
[3] Fol.28
[4] Esibiti minn Bernard Zarb a fol.6 et seq
[5] Fol.7
[6] Vide Affidavit ta' Marylynn Schembri Saliba a fol.38 et seq
[7] Fol.55 et seq
[8] Fol.55
[9] Fol.7
[10] Fol.56-57
[11] Fol.60

Aktar il-quddiem dak li xehed Asaaduzzaman jiġi **kontradett mill-imputat li jgħid li fil-ħin tal-ispezzjoni ma kienx hemm klijenti u l-istabbiliment kien magħluq**! **Dan ix-xhud ftit jista' jgawdi minn kredibbilità.**

Ix-xhud irid jbellagħha lil Qorti bħala impjegat *full-time* ma kumpanija terza, Prime Logistics Ltd.[12], kien qiegħed jaħli ġurnata xogħol biex joqgħod jiċċassa fi triq u jara u jitgħallem xogħol ta *waiter,* li qajla jinħtieġ xi taħriġ intensiv! Ma jridx jintesa li fuq barra xogħol ta *waiter* biss ikun meħtieġ.

Il-Qorti tinnota li l-ewwel kliem li lissen fix-xiehda tiegħu meta taħrablu l-kelma li kien *"on training"*, għemil li xorta mhux permess, anke jekk il-Qorti temmen li dan ma kien bi "prova" xejn iżda impjegat bi vjolazzjoni tal-permess mogħti lilu, u cioe dak li jaħdem ma Prime Logistics Ltd.

Mill-ewwel jiġi osservat li l-imputat ukoll jibqa' juża kliem bi "prova" meta jixhed *viva voce*. Kummenti ulterjuri huma superfluwi!

Ma nġabu l-ebda provi fuq bażi ta' probabbilità li tassew hekk kien il-każ; provi meħtieġa biex jegħbu l-presunzjoni *iuris tantum* li l-Artikolu 39 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ, Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

> Għall-finijiet ta' dan l-Att, persuna li tkun qed taħdem f'xi post tax-xogħol titqies li tkun impjegata jew taħdem għal rasha.

**L-ispetturi investigaw u intervistaw lil dawk il-persuni li kienu rawhom jaħdmu u minn imkien ma jirrizulta li tkellmu ma xi klijenti, *by-standers* jew *passers-by* li setgħu kienu fil-viċinanzi tal-ħanut!**

**Mauro Farrugia** in rappreżentanza tal-International Protection Agency li fiż-żmien tal-ispezzjoni Musuf Toheeb OLawale kien *asylum seeker* iżda t-talba tiegħu ma kienitx għada ġiet deċiża. Madanakollu bħala *asylum seeker* b'applikazzjoni pendenti seta' jsib impjieg.[13]

**Fabian Cassar[14]** jixhed li fil-ħin tal-ispezzjoni, għall-ħabta tas-6pm – 6:15pm, l-ħanut kien magħluq u ġew xi persuni għal *interviews*. L-imputat kien ħareġ jixtri. Mill-ewwel jinqabad f'diffikultà meta mitlub jispjega kif l-ispetturi daħlu fil-ħanut meta skontu, l-ħanut kien magħluq u issa jżid li l-bieb ma jkunx magħluq u x-shutter ma tkunx imniżżla.

---

[12] Fol.60
[13] Fol.63
[14] Fol.65 et seq

Mir-ritratti esibiti il-bieb jidher miftuħ u l-ħin tal-ispezzjoni, kif tixhed il-*vat receipt,* turi ħin tal-15:15hrs u mhux tas-6pm kif jixhed Cassar.[15] Mitlub jaghti iktar dettalji dwar fejn kienu dawn l-individwi li fi kliemu kienu qed jistennew lill-imputat jasal lura, mhux kapaċi jkun koerenti u filwaqt li jiftakar biss li dawn ġew għall-*interview,* ma jagħtix spjegazzjoni li għandha mis-sewwa għaliex kellhom jistennew is-sid fuq barra meta sekondi qabel, u meta kien semma li l-ħanut kien magħluq, jgħid li kieku mar xi hadd ghal kafè kien idaħħlu!

Ma jridx jintesa li Asaaduzzaman qal li kien qed josserva ix-xogħol fuq barra ***"on training"*** u ***"observing".*** Għalhekk **kemm il-darba l-ħanut kien magħluq kif irid jitwemmen Cassar, dan ma kien jagħmel ebda sens**.

**L-imputat Mustapha Elkhiate** għażel li jieħu l-pedana tax-xiehda u spjega li hu kien tella' post fuq Facebook biex persuni nteressati jmorru għall-prova.

La ġie esibit dan l-avviż u lanqas inġabet xi prova oħra biex tikkorrobora din il-verżjoni. Minflok ix-xiehda tiegħu stess tinkriminah filwaqt li tkompli tikkontrasta ma dik ta' Cassar fejn diġà ntqal li l-spezzjoni ma saret xejn fil-ħin tas-6pm iżda fl-4pm kif turi r-riċevuta tal-vat esibita.

> *"Xhud: Jiena r-restaurant nifthu ghall-lunch u dinner. Jiena fl-erbgha naghlaq ir-restaurant imma kelli xi hadd hemmhekk u mmur nixtri u dakinhar hadt it-tfal tieghi jittrenjaw il-Floriana u mort max-chef jiena u x-chef biex nixtru xi affarijiet minghand Alfsons. Cempilli Fabian u qalli: "Hemm inspection" u jiena kont ghamiltha fuq Facebook biex jigu n-nies jaraw fuq* ***trial****. Dak il-hin il-business kien quiet u naqqas u jiena ghamiltha fuq Facebook biex in-nies tigi biex inkellimhom. Kien hemm nies jistennewni biex inkellimhom u sabu lil dawk in-nies li kienu hemmhekk. Kelli habib tieghi li jigi dejjem hemmhekk Marokkin Hazim u dejjem jigi jiehu kafe jew xi haga u sabu l-ohrajn li ha nippruvawhom. Jiena biex inhaddem xi nies irrid inkellimhom l-ewwel. Ma naqbadx u ndahhalhom mal-ewwel.*
>
> *Qorti: Jigifieri ma kienux qed jahdmu.*
>
> *Xhud: Le ma kienux jahdmu ghax jiena kont* ***prova*** *fuq Facebook biex jigu xi nies biex inkellimhom ...... jiena ghamiltha fuq Facebook biex inkellimhom.*
>
> *Pros: Sur Mustapha inti ghidtilna li ghamilt il-Facebook advert ghal trial.*
>
> *Xhud: Iva.*

[15] Fol.7

*Pros: U meta gew l-Ispetturi naf li ma kontx hemmhekk inti.*

*Xhud: Ma kontx hemm.*

*Pros: Pero dawn it-tnejn minn nies li qed insemmu jigifieri Asaduzzaman u Olawale meta mort inti ghax jiena l-mistoqsija tieghi hija minn dawn in-nies kollha ghalfejn huma, ghalfejn ma ntervistawx anke l-klijenti? Ghax dawn jekk kienu hemmhekk qishom klijenti ma kienux ser jintervistawhom.*

*Xhud: Ma nafx dak il-hin, ma kien hemm hadd.*

*Pros: Ma jistax ikun li ma kien hemm hadd dak il-hin ghax biss biss ghandna ritratt ta' wiehed li qed jahdem wara l-bar."*[16]

Stranament jasal jgħid li ma kienx fuq il-post u ma tkellimx mal-Ispettur Zarb meta dan jikkontradixxi ix-xiehda tal-istess Zarb kif ukoll hu kontradett mir-ritratti meħuda minn Zarb li juru lill-imputat jitkellem mal-ispetturi. Hu dak li jġib il-gideb, taħwid u risposti li jisfidaw is-sewwa magħruf:

| | |
|---|---|
| *"Qorti:* | *Ghaliex lil dawn biss kellmu u ma kellmux lil nies ohrajn. Inti x' ghidtlu lis-Sur Zarb?* |
| *Xhud:* | *Min hu s-Sur Zarb? Ma nafux jiena ghax jiena ma kontx hemmhekk.* |
| *Qorti:* | *Ma kontx hemm?* |
| *Xhud:* | *Le ma kontx hemm."*[17] |

Ikkunsidrat ukoll,

L-ispetturi intervistaw lil Olawale u Asaaduzzaman flimkien ma persuni oħra li dehru qed jaħdmu fl-istabbiliment. L-imputat ma ressaq l-ebda prova li turi li dawn l-ispetturi intervistaw u/jew talbu dokumenti tal-identità minn persuni kwalunkwe li kienu barra fit-triq jistennew jew li kienu klijenti. Marru direttament għal fuq l- impjegati tiegħu, mertu ta' dawn l-akkużi, propju **għax-rawhom jaħdmu**.

Ovvjament kien ikun għaqli bl-iskop li jissiġilla l-każ tal-prosekuzzjoni li ttieħdu ritratti ta' dawn il-persuni fuq il-lant tax-xogħol, iżda l-Qorti ma

[16] Fol.76
[17] Fol.77

għandha l-ebda diffikultà jew eżitazzjoni milli temmen il-verżjoni tal-ispetturi ta' Jobsplus.

Fuq dawn ir-riżultanzi proċesswali l-Qorti ssib li l-Prosekuzzjoni ppruvat il-każ tagħha sal-grad rikjest. Kien kompiti tal-imputat sabiex fuq bażi ta' probabbilità u permezz ta' provi ammissibbli jegħleb il-preżunzjoni legali li ġa saret riferenza għaliha aktar il-fuq.

**Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset n-natura tal-imputazzjonijiet li qed tinstab ħtija dwarhom, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ partikolarment li hawn instabu żewġ persuni impjegati irregolarment.

**Decide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 17(h) u 31 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikoli 36 u 43 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah multa ta' tlett elef u tmien mitt Ewro (€3,800) pagabbli b'rati mensili fiż-żmien sena millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**